MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2003

Numru 352/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Caruana)**
**(Spettur Bernard Zarb)**

**vs**

**Patrick Pace**

**Seduta tal-lum 09 ta' Mejju, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Patrick Pace ta' 37 sena, bin Carmelo u Calecedonia *nee'* Pirotta, mwieled Birkirkara, fid-09 t'April, 1966, u residenti 'Alecim', 39, Triq il-Plejju, Birkirkara, u detentur tal-karta ta' l-identita numru 156366M billi inti akkuzat talli fid-19 ta' Novembru, 2002 u

fiz-zmien ta’ qabel u dak ta’ wara, f’garaxx li jisab fi pjazza l-Eroj, tal-Qattus, Birkirkara, u fi bnadi ohra ta’ dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;

U aktar fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT instab li xjentement kellek fil-pussess u\jew taht il-kontroll tieghe, jew billi kellek depoizitat ghandek, jew esponejt ghall-bejgh 4,500 pakkett b’20 sigarett kull pakkett – ***Rothmans Blue KSFT Duty Free***.

Dawn ghandhom valur totali ta’ Lm1125.00; Dazju tas-Sisa Lm2,659,50; Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) Lm634.26,6 u Taxxa Imposta (Levy) Lm443.94,3; u dan bi hsieb li tiffroda lil Gvern minn dazju u taxxi li jkunu jmissu u\jew biex tehles minn xi limitazzjoni. L-importazzjoni tas-sigaretti hawn fuq imsemmija hija projbita jew ristretta.

| Valur | (Levy) | Dazju tas-Sisa | V.A.T. |
|---|---|---|---|
| Lm 1125.00,0 | Lm443.94,3 | Lm2659.50,0 | Lm634.26,0 |

Liema Dazju tas-Sisa, V.A.T., u Taxxa Imposta ma gewx imwahhla u’jew kwerelati.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat.

Fuq ammissjoni ssibu hati.

Wara li rat l-Artikolu 60 (a) (b) (c) (k); l-Artikolu 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k) u l-paragrafu (a) tal-Proviso ta’ l-Artikolu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37; u l-Artikli 16 (j) u 17 (a) ta’ l-Att XVI ta’ l-1995 dwar Dazju u Sisa tal-Ligijiet ta’ Malta; u wkoll bi ksur ta’ l-artikolu 80 ta’ l-Att dwar taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta’ l-1998).

Wara li rat il-fedina penali ta’ l-imputat.

Tikkumdannah ghall-hlas ta’ multa.ta’ hamest elef, disa’ mija u tmienja u tmenin lira Maltin (Lm 5,988).

Tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti.

**Marie Flaur Gauci**
**Deputat Registratur**

***vera kopja***

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali**

***Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Caruana)**
**(Spettur Bernard Zarb)**

**vs**

**Patrick Pace**

**Illum 03 ta’ Gunju, 2003.**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta’ l-imputat;

Tordna li l-multa mposta ta’ Lm 5,988 tithallas f’59 rati ta’ mitt lira Maltin (Lm 100) il-wahda, u rata ta’ tmienja u tmenin lira Maltin (Lm88) finali pagabbli mill-ahhar ta’ Gunju, 2003 u kull xahar wara.

Torna kommunika lid-Direttur Generali tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------